MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## IAN FARRUGIA

Seduta ta' l-4 ta' Frar, 2015

Numru. 926/2012

**IL-PULIZIJA**

**(Spettur Jonathan Ferris)**

**(Spettur James Grech)**

**Vs**

**Andre' Apap**

**IL-QORTI**;

Rat li l-imputat **Andre' Apap**, ta' 23 sena bin Lawrence u Bernardette nee' Cutajar imwieled ir-Rabat Ghawdex fil-25 t'April 1989, u residenti "Harmony", Triq Guze' Cremona, Rabat Ghawdex u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 22789G, gie akkuzat talli f'Awissu 2012 u fix-xhur ta' qabel, f'dawn il-Gzejjer b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda;

1. B'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamel uzu ta'ismijiet foloz, jew ta'kwalifiki foloz, jew billi jinqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex gieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex qanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh bi hsara ta' Darren Lee Garret ID 305490M; Clint Pace ID 22876M u/jew Karen Pace ID 561075M; Jason Mercieca ID 400387M; Victor Borg ID 532279M; Daniela Borg ID 594881M; Charleen Taylor ID 103688M; Petrann Montebello ID 359488M; Nikita Mizzi ID 252393M u/jew Alexandra (Sandra) Mizzi ID 43069M; Alexia Zahra ID 127278M; Nathaniel Palmier ID 150787M u/jew Anthony Galdes 460965M; Rebecca Galea ID 95483M u/jew Emanuel Galea 162777M.

2. Aktar talli approprija ruhu, billi dawwar bi profit ghalih jew ghal persuna ohra, is-somma ta'aktar minn mitejn u tnejn u tletin euro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) izda mhux aktar minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), li giet fdata jew ikkunsinnata lilu taht titolu illi jjgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat, liema somma giet fdata lilu minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, kariga, jew servizz tieghek, u dan ghad-dannu ta' Darren Lee Garret ID 305490M; Clint Pace ID 22876M u/jew Karen Pace ID 561075M; Jason Mercieca ID 400387M; Victor Borg ID 532279M; Daniela Borg ID 594881M; Charleen Taylor ID 103688M; Petrann Montebello ID 359488M; Nikita Mizzi ID 252393M u/jew Alexandra (Sandra) Mizzi ID 43069M; Alexia Zahra ID 127278M; Nathaniel Palmier ID 450787M u/jew Anthony Galdes 460965M; Rebecca Galea ID 95483M u/jew Emanuel Galea 162777M.

3. U aktar talli fl-istess dati lokalitajiet u cirkostanzi minghajr awtorizzazzjoni uza l-kodici ta' dhul, password, isem l-utent, indirizz postali elettroniku jew xi mezz iehor ta'dhul jew informazzjoni ta'identifikazzjoni ta'persuna ohra f'*computer* bi pregudizzju ta'terzi.

4. U aktar talli b'hekk ghamel reat ta'natura volontarja waqt perjodu operattiv ta' *conditional discharge* ghal zmien sena b'sentenza moghtija nhar it-08 ta'Mejju 2012 mill-Magistrat Dr. Claire Stafrace Zammit LL.D.

5. U aktar b'hekk Andre' Apap sar recidiv b'sentenza mill-qorti tal-Appell Ghawdex data 04 ta' Frar 2011.

Il-Qorti hija gentilment mitluba sabiex fil-kaz ta'htija, barra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mill-Ligi, tordna wkoll il-konfiska tal-oggetti kollha esebiti.

Il-Qorti hija wkoll gentilment mitluba sabiex f'kaz ta'htija tikkundanna lill-akkuzat ghal hlas ta'spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta'Malta.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti;

Semghet lill-ufficjal prosekutur bil-gurament ;

Rat il-kunsens ta` l-Avukat Generali tal-11 ta` Settembru 2012 sabiex din il-kawza tigi trattata u deciza bil-procedura sommarja ;

Rat li, fl-ewwel udjenza tal-11 ta' Settembru 2012, waqt l-interrogatorju quddiem din il-Qorti diversament presjeduta, saret l-ammissjoni inkondizzjonata tal-imputat anki wara li inghata z-zmien skond il-Ligi sabiex jirrikonsidra tali ammissjoni. Tali ammissjoni regghet giet imtennija minnu fl-udjenza tas-7 ta` Ottubru 2014, din id-darba quddiem din il-Qorti kif presjeduta ;

Semghet is-sottomissjonijiet finali tal-Prosekuzzjoni u tad-difiza.

**Ikkunsidrat**;

Illi la darba l-imputat irregistra ammissjoni inkondizzjonata ghall-imputazzjonijiet kif migjuba kontra tieghu, u wara li ghamlet l-accertamenti kollha mehtiega skond il-ligi meta ssir ammissjoni tali, u wara li qieset sew iz-zewg stqarrijiet moghtija mill-imputat, il-Qorti tiddikjara li l-imputazzjonijiet kif migjuba kontra tieghu jinsabu sodisfacentement ippruvati u ghalhekk ma ghandhiex triq ohra hlief li tghaddi sabiex tiddikjarah hati taghhom u ghas-sentenza relattiva.

**Ikkunsidrat**;

Illi in tema ta’ piena jew sanzjoni l-Qorti kkunsidrat is-segwenti fatturi, izda mhux biss:

a. il-fedina penali tal-hati, li tinsab esebita *a folio* 6 ta` l-atti;
b. l-ammissjoni ta` l-imputat li ma tatix xi dritt awtomatiku ghall-riduzzjoni fil-piena, izda din il-Qorti qed tikkonsidraha fil-kuntest ta` l-ahjar sanzjoni li ghandha tigi imposta b’din is-sentenza;
c. il-kontenut estensiv tal-*pre-sentencing reports* imhejjijja mill-ufficjal tal-*probation* Joanna Farrugia;
d. **u l-fatt mhux ta` ftit importanza illi l-imputat hallas kollox lura lill-persuni kollha involuti f’dan il-kaz**.

Fic-cirkostanzi kollha ta` dan il-kaz, din il-Qorti hi tal-fehema illi ghandha tilqa r-rakkomandazzjonijiet ta` l-ufficjal tal-*probation*.

**Konkluzjoni;**

**GHALL-DAWN IL-MOTTIVI, L-QORTI**, wara li rat l-Artikoli 17, 18, 31, 49, 50, 293, 294, 308, 310(1)(b), 337C(i) u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, issib lill-imputat hati skond l-imputazzjonijiet kif dedotti kontra tieghu u peress illi huwa opportun li hekk isehh, **qed tqieghed lil Andre Apap taht Ordni ta` Probation u Servizz ghall-perjodu ta` sentejn, flimkien ma l-obbligu li jaghmel mitt (100) siegha ta` xoghol fil-komunita`, u dana kollu bis-sahha tad-dispozizzjonijiet tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta` Malta.**

Il-Qorti fehemet lil Andre Apap, bi kliem car u li jinftiehem, il-konsegwenzi jekk huwa jonqos li jsegwi rigorozament din l-Ordni imposta fuqu.

Il-Qorti tordna komunika ta` din is-sentenza lid-Direttur *Probation and Parole*.

Il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-talba tal-prosekuzzjoni ghall-applikazzjoni tad-dispost ta` l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta stante li ma jezistux l-estremi ghal tali applikazzjoni.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------